Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 418/2018

Il-Pulizija

(Spettur Rennie Stivala)

Vs

Josef Grech

Illum, 26 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat Josef Grech detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 463775(M) akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Fis-17 ta'Lulju 2009, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (€5, 000) ghad-dannu tal-kumpanija Untours Insurance Brokers u/jew persuni/kumpaniji ohra;

2. Fis-6 ta'Marzu 2009, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'hila inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, setgha

fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta'aktar minn hamest elef ewro (€5, 000) ghad-dannu tal-kumpanija First United Insurance Brokers u/jew persuni/kumpaniji ohra;

**3.** Fit- 18 ta'Awissu 2012, iddenunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva reat li kont taf li ma sehx, inkella b'qerq hloqt tracci ta'reat b'mod li seghtu inbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u cioe rapport fl-ghassa tal-Pulizija ta'Bormla fuq hsarat volontarji u serq minn fuq vettura ARN 279.

**4.** Fit- 18 ta'Awissu 2012, b'mezzi kontra l-ligi, jew bill ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (€5, 000) ghad-dannu tal-kumpanija Untours Insurance Agency Limited u /jew persuni/kumpaniji ohra;

**5.** Fil-24 ta'Ottubru 2010, b'mezzi kontra l-ligi hew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji , sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika , ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hamest elef ewro (€5,000) ghad-dannu tal-kumpanija Gasan Mamo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

**6.** Fil- 24 ta'Frar 2011, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz , jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor . jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hamest elef ewro (€5, 000) ghad-dannu tal-kumpanija Gasan Mamo Insurance Agency Limited, Thomas Smith Insurance Agency Limited u /jew persuni/kumpaniji ohra;

**7**. Fis- 7 ta'Lulju 2011, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji , sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta'aktar

minn hamest elef ewro (€5, 000) ghad-dannu talkumpanija Atlas Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

**8**. Fit- 3 ta' April 2012, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor , jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn hamest elef ewro (€5,000) ghad-dannu talkumpanija Citadel Insurance Agency Limited, Victoria Insurance Agency, u/jew persuni/kumpaniji ohra;

**9**. Fil- 11 ta' Novembru 2011, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz , jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta' hila , seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro (€500) izda mhuz aktar minn hamest elef ewro (€5, 000 ) ghad-dannu tal-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

**10**. Fis-17 ta' Frar 2012, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika , ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (€5,000) ghad-dannu tal-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

**11**. Fil- 30 ta'Gunju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor , ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila , seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika , ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (€5,000) ghad-dannu tal-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

**12**. Fil-21 ta' April 2010, bil-hsieb li twettaq frodi b'ghemil qarrieqi, wrejt da nil-hsieb b'atti esterni, liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill volonta tieghek , billi tajt bidu ghall esekuzzjoni ta'frodi b'ghemil qarrieqi , b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen lezistenza

ta'intraprizi foloz, jew ta' hila, seghta fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (€5, 000) ghad-dannu tal-kumpanija Untours Insurance Agency Limited, u/jew persuni/kumpaniji ohra;

**13**. Fil-22 ta'Gunju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex haddiehor, ta'aktar minn hamest elef ewro (€5, 000) ghad-dannu talkumpanija Allcare Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

**14**. Fis-17 ta'Mejju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji , sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika , ghamel qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hamest elef ewro (€5, 000) ghad-dannu talkumpanija Thomas Smith Insurance Agency Limited, Gasan Mamo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

**15**. Fit-3 ta'Novembru 2013, bil-hsieb li twettaq frodi b'ghemil qarrieqi, wrejt da nil-hsieb b'atti esterni, liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill volonta tieghek, billi tajt bidu ghall esekuzzjoni ta'frodi b'ghemil qarrieqi , b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn hames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (€5,000) ghad–dannu tal-kumpanija Gasan Mamo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

**16**. Fis- 26 ta'Frar 2013, bil- hsieb li jwettaq frodi b'ghemil qarrieqi, wera dan – il-hsieb b'atti esterni , u tal-bidu ghall esekuzzjoni ta'reat ta' frodi b'ghemil qarrieqi, fejn b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz , jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex jitwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, prova jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar minn hames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (€5, 000) ghad-dannu tal-kumpanija Elmo Insurance u/jew persuni/kumpaniji ohra;

**17**. U aktar talli, f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati imsemmija hawn fuq, bi hsara ghal haddiehor, ghamilt xi qliegh iehor b'qerq ghad-dannu ta'diversi persuni u/jew kumpanija ta'assikurazzjoni;
**18**. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati imsemmija hawn fuq bil-hsieb li tikseb ghalik innifsek jew ghall haddiehor il-hlas ta' flus ta'sigurta` kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistruggejt, xerridt l'hawn u l'hinn, jew gharraqt b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghek;

**19**. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati imsemmija hawn fuq bil-hsieb li tikseb ghalik innifsek jew ghall haddiehor il-hlas ta'fuq ta'sigurta kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddustreggejt, xerridt l'hawn u l-hinn, jew gharraqt b'xi mezzi li jkun, hwejjeg tieghek;

**20**. Ksirt il-providiment ta'sentenza ta'liberta' that l-kundizzjoni moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LLD, fid- 19 ta' Mejju 2010, meta wettaqt reat fi zmien il-perjodu ta' tlett snin mis-sentenza, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

**21**. U finalment talli rrendejt ruhek recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-05 ta' Novembru 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 18, 31, 41(1)(a), 49, 110(2), 188(2), 295, 308, 309, 310(1)(a)(b) (kif kienu qabel id-dħul tal-Att XXIV tal-2014) tal-Kodiċi Kriminali, nonche` l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Josef Grech, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Kwantu għall-piena fir-rigward tar-reati imputati minn numru wieħed sa dsatax u wieħed u għoxrin, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b)(h) u 18 tal-Kodiċi Kriminali ikkundannat lill-ħati għall-piena ta' tliet snin priġunerija.

Kwantu għall-ksur tal-ordni tal-liberazzjoni kondizzjonata mogħtija lilu bis-sentenza tal-Qorti presjeduta mill-ġja Maġistrat Dottor Antonio Mizzi nhar l-19 ta' Mejju 2010, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta :

(i) sabet li Josef Grech ħati li wettaq id-delitti imsemmija fl-imputazzjonijiet imsemmija aktar il-fuq bin-numri 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12, 16, 17 u 19 matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata;

(ii) u għalhekk il-Qorti iddikjarat li Josef Grech kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata mogħtija lilu kif imsemmi fis-sentenza riferita aktar il-fuq;

(iii) u konsegwentement, ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti ittrattat miegħu għall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien impoġġi taħt din l-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata daqs li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet;

(iv) u filwaqt li, għal kull buon fini, ikkonfermatu ħati fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet;

(v) ħassret l-ordni tal-liberazzjoni kondizzjonata magħmula bis-sentenza mogħtija mil-Qorti presjeduta mill-ġja Maġistrat Dottor Antonio Mizzi ta' nhar id-19 ta' Mejju 2010;

(vi) u wara li rat l-Artikoli 41, 49, 50, 214, 216 (kif kien fiż-żmien meta kien ġie misjub ħati fl-2010), 338(bb)(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 15(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta nonche` l-Artikoli 7, 18, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta: (a) astjeniet milli titratta miegħu fir-rigward tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu in kwantu għal din l-imputazzjoni huwa kien ġie kundannat għal multa u għalhekk astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha għall-fini ta' piena in kwantu din jirriżulta li ġiet imħallsa fil-25 ta' Mejju 2010; (b) f'dak il-każ il-parte ċivile kien irrinunzja għall-azzjoni kriminali u kien ħafer lill-imputat u għalhekk kien jimmerita temperament fil-piena minn naħa l-waħda; (c) iżda fir-rigward tal-kumplament tal-imputazzjonijiet Josef Grech kien ammetta li kien, u ġie misjub ħati bħala reċidiv f'delitti; (d) li dak iż-żmien il-piena għar-reati aktar il-fuq imsemmija kienet tvarja minn tliet xhur sa tliet snin li minħabba li kienet fil-forma ta' tentattiv kienet tonqos bi grad iżda minħabba li kien reċidiv setgħet tiżdied bi grad; filwaqt li l-piena applikabbli għall-kontravvenzjonijiet kontestati lilu fl-

imputazzjonijiet c, d, e, f, g u h kienu suġġetti għar-regola tal-konkors tal-piena stabbilita fl-Artikolu 17(d) tal-Kodiċi Kriminali; (e) u għalhekk ikkundannat lill-imsemmi Josef Grech għall-piena ta' sitt xhur priġunerija.

B'dan ifisser li l-ammont totali ta' priġunerija mogħtija bis-sentenza appellata huwa ta' tliet snin u sitt xhur priġunerija.

Ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali magħqud mal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lil ħati sabiex iħallas is-somma ta' sittax il-elf mitejn wieħed u erbgħin euro sitta u disgħin ċenteżmu (€16,241.96) jew il-bilanċ aktar verjuri eżistenti fil-jum tas-sentenza lil Elmo Insurance Limited, GasanMamo Insurance Limited, Mapfre Middlesea Plc u Untours Insurance Agents Limited skont dak imsemmi fil-kuntratt datat għoxrin ta' Lulju 2017 (a fol 68 tal-proċess).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Josef Grech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Novembru 2018, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza tal-05 ta' Novembru 2018 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi:

1. filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu;
2. Thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-uniku lanjanza li l-appellant iqanqal kontra d-decizjoni impunjata hija marbuta mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma tieghu din kienet wahda eccessiva u li ma haditx kont tal-aspett reformattiv tal-hati meta ma qiesitx jekk setax kien hemm l-imposizzjoni ta' sentenza alternattiva ghal dik tar-restrizzjoni tal-liberta'. Fuq kollox jilmenta illi l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidra din il-forma ta' piena ghaliex l-appellant ammetta fi stadju bikri tal-proceduri ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, ikkopera mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u anke accetta li jaghmel tajjeb mal-vittmi ghat-telf minnhom subit konsegwenza tal-kummissjoni tar-reati lilu addebitati. Jilmenta illi l-Ewwel Qorti malament qieset illi r-rwol tieghu f'din il-kongura kriminali kienet wahda ewlenija billi huwa kien biss kompartecipi fil-kummissjoni tar-reati lilu addebitati bl-istess qies daqs l-komplici tieghu. Jichad li kien il-mohh wara din il-kongura u li allura ma ghandux jigi mqieghed bhala il-haruf tas-sagrificcju u ibati ghal vjolazzjonijiet kommessi ukoll minn ohrajn.

Illi t-taghlim gurisprudenzjali jiggwida lill-qorti ta' revizjoni sabiex bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"…The principle nulla poena sine lege does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and quantum of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the quantum of punishment. …..**

**As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the**

**idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. …. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]"**

Mhux biss izda l-appellant irregistra ammissjoni ghall-wiehed u ghoxrin reat lilu addebitat inkluz dak tar-recediva u il-ksur ta' Ordni ta' Liberazzjoni kondizzjonata biex b'hekk reha ruhu f'idejn il-Qorti sabiex tinghata l-piena li l-aktar tixraq ghad-dikjarazzjoni ta' htija minnu maghmula.

Issa minn qari tas-sentenza impunjata li hija motivata sew jidher illi l-Ewwel Qorti meta giet biex teroga l-piena ta' tlett snin u nofs prigunerija hadet kont tal-ilmenti kollha ventilati mill-appellant issa fi stadju ta' revizjoni. L-appellant gie misjub hati b'xejn anqas minn wiehed u ghoxrin (21) imputazzjoni li b'mod ewlieni jitrattaw ir-reat ta' frodi fil-forma kontinwata tieghu u dan meta l-appellant flimkien mal-komplici tieghu holoq messa in xena sabiex jiffrodaw diversi kumpaniji tal-assikurazzjoni u dan billi holqu diversi incidenti stradali, b'karozzi mahbuta u reklamar ta' danni konsegwenjzali.

Illi l-piena ghar-reat tal-frodi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kienet dik ta' prigunerija ta' bejn it-tlettax-il xahar (13) u sebgha (7) snin[2], liema piena ghandha tizdied bi grad jew tnejn minhabba il-forma kontinwata tar-reat. Illi l-appellant gie misjub hati ukoll li huwa recidiv fit-termini tal-artikolu 49, izda mhux 50 tal-Kodici Kriminali u wkoll bl-ksur ta' ordni ta' liberta' kondizzjonata moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

[2] Il-piena zdiedet permezz tal-emendi li dahhlu fis-sehh bl-Att XXIV tal-2014

Illi allura meta l-piena ghar-reat l-iktar gravi fil-minimu tieghu huwa ta' tlettax-il xahar prigunerija bil-piena trid tizdied, kif inghad, minhabba l-forma kontinwata tar-reat, ghandu jririzulta illi l-piena b'zieda ta' minimu ta' zewg gradi ghandha tkun dik tal-prigunerija bejn sentejn (2) u ghaxar (10) snin' bil-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tlett snin prigunerija mhux biss tkun wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi, izda tqarreb iktar lejn il-minimu.

Illi din il-Qorti tqies illi f'dan il-kaz lanqas hemm lok li tinghata piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija mhux biss ghar-ragunijiet kollha migjuba mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata li din il-Qorti qed taghmilhom taghha, izda fuq kollox ghaliex bil-mod sistematiku u ripetut li permezz tieghu l-ingann gie pperpetrat mill-appellant tul medda ta' zmien bejn is-sena 2009 u l-2013, hu u l-komplici tieghu kienu qed joholqu periklu ghall-utenti tat-triq meta jigu mahbuta vetturi appozitament sabiex imbaghad issir *claim* mas-socjeta ta'l-assikurazzjoni ghal hlas ta' danni u dan bi hsara hsara lejn is-socjeta in generali.

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

***(a) the punishment of offenders***

***(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)***

***(c) the reform and rehabilitation of offenders***

***(d) the protection of the public***

***(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.***

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u is-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

Illi jibda biex jinghad illi mhuwiex minnu dak li jikkontendi l-appellant illi l-Ewwel Qorti qiesetu bhala l-mohh wara l-kummissjoni ta' dawn ir-reati, izda stqarret biss illi l-appellant ippartecipa b'mod attiv f'din il-kongura kriminali u ghalhekk kellu iwiegeb ghal vjolazzjonijiet tal-ligi minnu kommessi.

Issa għalkemm huwa minnu li l-appellant qiegħed jipprova jagħmel reparazzjoni għal ħsara minnu ikkagjonata, u wkoll qed ifittex biex jirriforma ħajtu, madanakollu l-Qorti tinsab b'idejha marbuta mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti ezerċitat d-diskrezzjoni tagħha b'mod ġust u għaqli meta ġiet biex teroga l-piena, izda ukoll għaliex fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-kaz piena alternattiva għal dik tal-priġunerija ma tistax tiġi ikkontemplata għal motivi kollha indikati fis-sentenza li l-appellant qed ifittex biex jimpunja. Finalment il-Qorti lanqas ma tista tinjora dak mistqarr mill-Uffiċjal tal-Probation Sharlet Fabri fir-rapport tagħha illi għalkemm għamlet rakkomandazzjoni għal piena fil-komunita', madanakollu kienet tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz piena karcerarja kienet waħda l-iktar idonja u dan wara li hi mhux biss ħarset lejn l-interessi tal-appellant u r-riforma tiegħu, izda wkoll lejn il-ħsara kkagjonata mill-appellant fil-kummissjoni tar-reati li dwarhom hu ġie misjub ħati u l-fehma espressa magħha mill-vittmi ta' dawn ir-reati u l-ħsara lilhom ikkagjonata, biex b'hekk allura l-Ewwel Qorti kellha raġun meta sostniet illi piena fil-komunita' ma tirrifletiex il-gravita u l-valur tar-reati kommessi mill-appellant. Għaldaqstant l-aggravji imqanqla mill-appellant ma jisthoqqilhomx akkoljiment.

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier tagħha.

**Imħallef**